1 ta' Settembru 2020

Allegazzjonijiet fil-konfront tiegħi

Stqarrija tas-Sedja Nru 16

Qed issir referenza ghas-seduta tal-Kunsill Lokali numru 14 li saret fit-30 ta' Ġunju 2020.

Tul din il-laqgħa, il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lis-Sedja li kient daħlet f' diskussjonijiet mal-NGO Voice for Inclusion Gozo Assoiation sabiex dawn jagħmlu użu mill-Kamra li sservi bhala story telling room fil-librerija fil-pussess tal-Kunsill Lokali. Semiet ukoll li kienet diġa' ħadithom jaraw il-kamra u li dawn ikkonfermaw li din hija tajba ghall-użu li għandhom bżonn huma. Il-Kunsilliera spjegat li dawn iridu jagħtu servizz lit-fal li għandhom ċertu kundizzjonijiet fejn jiġi offrut lilhom is-servizz ta' OT.

Hawn irrid ngħid li minkejja li dan kollu sar qabel ma kien infurmat il-Kunsill, jien ma kelli l-ebda oġġezzjoni u ħallejt id-diskussjoni ssir, anki jekk il-Kunsill kellu jintalab japprova minn qabel biex terzi jidħlu u jaraw ħwejjeġ 'il Kunsill.

F' din is-seduta qatt u fl-ebda ħin ma saret referenza għal xi ħlasijiet ta' flus li l-familji riedu jagħmlu kontra is-servizz mogħti lilhom. Kont għalhekk sorpriz li jiem wara ircivejt telefonata minn residenta fejn permezz tagħha sirt naf li l-familji se jkollhom iħallsu l-ammont ta'€285 ghall-assessjar u l-ammont ta' €35 ghal kull siegħa sessjoni.

Dan għaliex il-Kunsill kien qed joffri l-post tiegħu bla ebda ħlas.

Kien f'dan il-kuntest li jien tlabt lill-persuna konċernata li t-tfal tal-lokal, għandhom jingħataw trattament speċjali f' dik li hija rata ta' prezzijiet mitluba. Il-kelma espressivament użatha kienet 'discount speċjali'. Dan huwa obbligu tieghi li naghmlu bhala Sindku tar-raħal li nara li l-familji tagħna jingħataw xi ħaġa lura ghal dak li kien qed joffri l-Kunsill. Irrid inżid li din hija xi ħaġa normali li ssir fejn residenti ta' lokal partikolari, jingħataw preferenza fuq residenti ta' lokalitajiet oħrajn jekk l-attivita' tkun qed issir fil-lokal jew fi ħwejjeġ dak il-kunsill rispettiv.

Kont tassew sorpriz, imweġġa' u rrabbjat meta dan kollu ġie mdawwar b' mod billi ġie allegat li jien tlabt xi ħaġa għalija personali jew it-tifla tiegħi. Nibda biex huwa ghajb għal min jinqgeda b' kundizzjoni fuq tifla biex jagħmel ħsara lil ħaddieħor imma huwa wkoll dispjaċir li jkun hemm min jemmen tali allegazzjonijiet bla ma biss jivverifika qabel ikompli jxandar l-istess akkuzi infondati.

Għaldaqstant, qed nagħmel din l-istqarrija sabiex formalmet;

(i) Niċħad kull allegazzjoni fil-konfront tiegħi li jien pruvajt nagħmel xi gwadan personali jew ghal familti
(ii) Kull kunsillier li jidħol f' taħtidiet ma' terzi, irid jiġi quddiem is-sedja qabel jibda jiddiskuti u jġib approvazzjoni
(iii) Se nibqa' nesiġi li t-tfal tal-Lokal jingħataw trattament speċjali min-nies oħra
(iv) Il-Kunsill għandu dejjem jimxi mal-liġi u l-gwida tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

Fl-aħħarnet, kemm bhala Sindku, ghax l-allegazzjonijiet saru wkoll lejn il-kariga, kif ukoll fuq bażi personali, nirreserva d-dritt li nieħu l-passi kollha li jidhirli li huma xierqa u skont il-liġi biex mhux biss niddefendi s-Sedja imma ukoll l-unur tiegħi personali.

Kull mistoqsija jew informazzjoni li wieħed jista' jitlob, għandu jiġi riferut għal din l-istqarrija, li qed nitlob li tigi annessa mall-minuti ta' din is-seduta.

Intenni u nagħlaq biex ngħid li l-Kunsill għandu dejjem jaġixxi kif mitlub mil-liġi u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Kull ċavetta li tagħti aċċess għall- post indikat għandha wkoll tigi ritornata minnufih.

**IFFIRMATA**

__________________

Hubert Saliba

Sindku